# X ' I N Ħ O B B

*Ta'* M. Agius

*Lil ħabibi G. Cauchi.*

Inħobb il-beraħ ta' l-egħlieqi jħaddru,
Id-dell ta' siġra b'weraq ġdid imżiegħda,
Jew ta' xi torri qrib xi xtajta tagħna
Mill-bliet imbiegħda.

Inħobb il-kwiet tad-dar u l-ġnejna tagħna
U ġewwa l-ġnien ta' Sant'Anton fil-għodu;
Jew f'truf ir-raħal, bil-larinġ iħammar,
Li fih noqogħdu.

Inħobb il-ħemda f'tlugħ ix-xemx ħanina
F'Wied iż-Żebbuġ bin-nida wkoll imxarrab;
Jew tal-bjut tagħna waqt li l-qamar jiddi
U l-hena nġarrab.

Inħobb is-sikta ta' xi għolja sbejħa
Jew ta' xi knisja waqt l-Ave Marija;
Is-satra f'kamra fejn għas-serħ ninġabar
Kull fil-għaxija.

Inħobb il-ġabra ġol-Kunvent ħemdieni
Fi Triq il-Wied ta' Birkirkara mtalla':
Fejn Patri jqarar lili jerġa' jagħmel
Ħabib ma' Alla.

Inħobb f'waqtiet is-skiet ta' qalb li jkolli
Inġarrab ħiemed waqt li l-ħsieb jitlajja:
Fuq hekk ukoll, għaliex, bħall-ferħ, in-niket
Jinħtieġ fil-ħajja!

Villa Lija.

---

Nifirħu lil ħabib tagħna Dun Karm Sant B.A., B.D., talli ħa l-ewwel quddiesa kif ukoll talli għadda l-eżamijiet u ħa l-grad mill-Università Rjali tagħna. Dun Karm Sant huwa Membru Akkademiku tal-"Għaqda" u dejjem ħabrek biex iġib 'il quddiem il-letteratura Maltija; issa li ħeles mill-istudju, nittamaw li naraw xogħlijiet oħra bil-Malti minn tiegħu.